



Brussell, 28 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

**5719/22**

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2022/0018 (BUD)**

---

**FIN 84**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Jannar 2022

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: COM(2022) 81 final

Suġġett: Proposta għal ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1 TAL-BAĠIT ĠENERALI 2022 li jibbaġittja l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-Aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 81 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 81 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.1.2022  
COM(2022) 81 final

2022/0018 (BUD)

Proposta għal

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 1  
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2022**

li jibbaġittja l-impatt fuq il-baġit tal-2022 tal-Aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,
- Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif adottat fl-24 ta' Novembru 2021<sup>2</sup>,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendorju Nru 1 tal-baġit tal-2022.

### **BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA**

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima Individwali III huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>).

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

<sup>2</sup> COM(2021) 300, ĠU L XX, xx.2.2022.

## Werrej

<b>1.</b>	<b>INTRODUZZJONI .....</b>	<b>3</b>
<b>2.</b>	<b>TALBIET SKONT L-INTESTATURA U L-PROGRAMMI TAL-QFP .....</b>	<b>3</b>
2.1	Subintestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali .....	4
2.2	Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent .....	4
2.3	Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri.....	4
2.4	Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża .....	5
<b>3.</b>	<b>FINANZJAMENT.....</b>	<b>5</b>
<b>4.</b>	<b>TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP .....</b>	<b>6</b>

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. INTRODUZZJONI**

Ir-Regolament dwar il-QFP għas-snin 2021-2027<sup>3</sup> ġie adottat f'Diċembru 2020. Il-qafas leġiżlattiv għall-fondi taħt ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2021–2027, u b'mod partikolari r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni<sup>4</sup>, ġie adottat f'nofs l-2021. Dan kien ifisser li l-qafas legali għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-fondi taħt ġestjoni kondiviża dāhal fis-seħħ tard.

L-Artikolu 7 tar-Regolament QFP jipprevedi aġġustament speċifiku tal-limiti massimi tal-QFP, li għandu jitwettaq mill-Kummissjoni fil-bidu tal-2022, li jippermetti t-trasferimenti tal-allokazzjoni tal-2021 tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-fondi identifikati taħt ġestjoni kondiviża jew mhux użati jew riportati, fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2021 ta' regoli jew programmi ġoddha taħt ġestjoni kondiviża. Id-disa' fondi kkonċernati, li l-lista tagħhom hija stabbilita fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament MFF, huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontier u l-Politika dwar il-Viżi.

Ir-riżultati tal-aġġustamenti tal-limiti massimi tal-QFP tal-Intestaturi 2a, 3, 4 u 5 li għandhom isiru mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament QFP huma inklużi f'Komunikazzjoni speċifika<sup>5</sup>.

L-abbozz ta' Baġit Emendorju (ABE) Nru 1 għas-sena 2022 jirrifletti l-impatt speċifiku ta' dan it-trasferiment fuq l-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-2022 għad-diversi fondi taħt ġestjoni kondiviża taħt l-Intestaturi 2a, 3, 4 u 5. L-ammonti trasferiti li jifdal se jiġu riflessi fl-Abbozzi ta' Baġits rispettivi tal-2023, l-2024 u l-2025.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa fil-baġit tal-2022 jammonta għal żieda ta' EUR 12 247,1 miljun f'aproprjazzjonijiet ta' impenn. Ma tintalab l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali.

### **2. TALBIET SKONT L-INTESTATURA U L-PROGRAMMI TAL-QFP**

L-adozzjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-aġġustament tal-QFP u dan l-ABE huma kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni fl-2022 tal-programmi kollha li ma ġewx adottati fl-2021 bl-ewwel ħlas parżjali tal-impenji baġitarji u l-pagament tal-prefinanzjament taħt dawn il-programmi. Is-27 Stat Membru kollha huma konċernati minn dan l-eżerċizzju ta' programmar mill-ġdid. Adozzjoni rapida ta' dan l-ABE tipprevjeni aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament QFP, l-ammonti li la ġew impenjati fl-2021 u lanqas ġew riportati għall-2022<sup>6</sup> huma trasferiti fi proporzjonijiet ugwali għal kull waħda mis-snin mill-2022 sal-2025. Għalhekk dan l-ABE jirrifletti t-trasferiment ta' 25 % tal-allokazzjoni jiet li ma ntużawx fl-2021 (jiġifieri approprjazzjonijiet ta' impenn mhux użati u lanqas riportati), li jikkorrispondi għal total ta' EUR 12 247,1 miljun għas-sena finanzjarja 2022. L-ammonti speċifiċi li għandhom jiġu ttrasferiti għall-2022 huma dettaljati skont il-linjal bagħtarja fit-tabelli ta' hawn taħt.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Instrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Frontier u l-Politika dwar il-Viżi.

<sup>5</sup> COM(2022) 80.

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

Il-Kummissjoni ma tiproponi l-ebda bidla fil-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' dan l-abbozz ta' baġit emendantorju. Bħas-soltu, se jżomm l-implimentazzjoni tal-baġit taħt skrutinju mill-qrib, li jiġi jirriżulta fi proposti għal aġġustament fi stadju aktar tard fis-sena.

## **2.1 Subintestatura 2a – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali**

Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2022 mit-trasferiment korrispondenti ta' 25 % tal-allokazzjonijiet li la ntużaw fl-2021 u lanqas ġew riportati għall-2022 tammonta għal EUR 11 605,4 miljun, dettaljata kif ġej:

<b>Linja baġitarja</b>	<b>Isem</b>	<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn</b>
Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR)		
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	7 224 718 708
05 02 04	Il-Fond ta' Tranżizzjoni ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-“Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regionali (FEŻR)”	14 353 159
05 02 07	Strument għall-ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR	11 307 381
Il-Fond ta' Koeżjoni (FK)		
05 03 01	Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa operazzjonali	1 166 831 558
05 03 05	Strument għall-ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FK	2 985 607
Il-Fond Soċċali Ewropew Plus (FSE+)		
07 02 01	Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondivija — Nefqa operazzjonali	3 175 830 376
07 02 03	Il-Fond għal Tranżizzjoni ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-FSE+	3 588 359
07 02 09	Strument għall-ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FSE+	5 771 169
<b>Total</b>		<b>11 605 386 317</b>

## **2.2 Intestatura 3 – Riżorsi Naturali u Ambjent**

Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2022 mit-trasferiment korrispondenti ta' 25 % tal-allokazzjonijiet li la ntużaw fl-2021 u lanqas ġew riportati għall-2022 tammonta għal EUR 445,7 miljun, dettaljata kif ġej:

<b>Linja baġitarja</b>	<b>Isem</b>	<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn</b>
Fond Ewropew għall-Affarijet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)		
08 04 01	FEMSA — Nefqa operazzjonali b'ġestjoni kondivija	162 067 555
08 04 05	Strument għall-ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEMSA	344 024
Il-Fond għal Tranżizzjoni ġusta		
09 03 01	Fond għal Tranżizzjoni ġusta (JTF) — Nefqa operazzjonali	283 257 264
<b>Total</b>		<b>445 668 843</b>

## **2.3 Intestatura 4 - Migrazzjoni u ġestjoni tal-Fruntieri**

Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2022 mit-trasferiment korrispondenti ta' 25 % tal-allokazzjonijiet li la ntużaw fl-2021 u lanqas ġew riportati għall-2022 tammonta għal EUR 169,0 miljun, dettaljata kif ġej:

<b>Linja baġitarja</b>	<b>Isem</b>	<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn</b>
Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)		
10 02 01	Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni	99 359 253
Il-Fond għall-ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (IBMF) — Strument għall-ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi(BMVI)		
11 02 01	Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	69 624 839
<b>Total</b>		<b>168 984 092</b>

## **2.4 Intestatura 5 – Sigurtà u Difiża**

Iż-żieda fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-2022 mit-trasferiment korrispondenti ta' 25 % tal-allokazzjonijiet li la ntużaw fl-2021 u lanqas ġew riportati ġħall-2022 tammonta għal EUR 27,0 miljun, dettaljata kif ġej:

<b>Linja baġitarja</b>	<b>Isem</b>	<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn</b>
Il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)		
12 02 01	Il-Fond għas-Sigurtà Interna (FSI)	27 035 754
<b>Total</b>		<b>27 035 754</b>

## **3. FINANZJAMENT**

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 12 247,1 miljun f'apprajżżonijiet ta' impenn tal-2022. Ma tintalab l-ebda appropriazzjoni ta' pagament addizzjonal.

#### 4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

	Baġit 2022		Abbozz ta' Baġit Emendarju Nru 1/2022		Baġit 2022 (inkluż ABE 1/2022)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
<b>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Digidžitali</b>	<b>21 775 079 340</b>	<b>21 473 535 651</b>			<b>21 775 079 340</b>	<b>21 473 535 651</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	21 878 000 000				21 878 000 000	
Marġini	102 920 660				102 920 660	
<b>2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri</b>	<b>56 038 991 548</b>	<b>62 052 771 658</b>	<b>11 605 386 317</b>		<b>67 644 377 865</b>	<b>62 052 771 658</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	56 200 000 000		11 606 000 000		67 806 000 000	
Marġini	161 008 452		613 683		161 622 135	
<b>2a. Koeżjoni ekonomika, soċċiali u territorjali</b>	<b>49 708 806 007</b>	<b>56 350 922 710</b>	<b>11 605 386 317</b>		<b>61 314 192 324</b>	<b>56 350 922 710</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	49 739 000 000		11 606 000 000		61 345 000 000	
Marġini	30 193 993		613 683		30 807 676	
<b>2b. Reżiljenza u valuri</b>	<b>6 330 185 541</b>	<b>5 701 848 948</b>			<b>6 330 185 541</b>	<b>5 701 848 948</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	6 461 000 000				6 461 000 000	
Marġini	130 814 459				130 814 459	
<b>3. Riżorsi naturali u Ambjent</b>	<b>56 235 443 216</b>	<b>56 601 766 838</b>	<b>445 668 843</b>		<b>56 681 112 059</b>	<b>56 601 766 838</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	56 519 000 000		446 000 000		56 965 000 000	
Marġini	283 556 784		331 157		283 887 941	
Li minnu: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	<b>40 368 859 305</b>	<b>40 393 039 132</b>			<b>40 368 859 305</b>	<b>40 393 039 132</b>
Sublimitu tal-FAEG	41 257 000 000				41 257 000 000	
Arrotondament tad-differenza eskużha għall-kalkolu tas-sottomarġni	800 000				800 000	
Trasferimenti netti bejn il-FAEG u l-FAEŻR	-618 000 000				-618 000 000	
Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (sublimitu kkoreġut mit-trasferimenti bejn il-FAEG u l-FAEŻR)	40 639 000 000				40 639 000 000	
Sottomarġni tal-FAEG	270 140 695				270 140 695	
<b>4. Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri</b>	<b>3 091 247 387</b>	<b>3 078 265 566</b>	<b>168 984 092</b>		<b>3 260 231 479</b>	<b>3 078 265 566</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	3 191 000 000		169 000 000		3 360 000 000	
Marġini	99 752 613		15 908		99 768 521	
<b>5. Sigurtà u Difiża</b>	<b>1 785 291 945</b>	<b>1 237 861 185</b>	<b>27 035 754</b>		<b>1 812 327 699</b>	<b>1 237 861 185</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà						
Limitu massimu	1 868 000 000		28 000 000		1 896 000 000	
Marġini	82 708 055		964 246		83 672 301	
<b>6. Il-Viċinat u d-Dinja</b>	<b>17 170 442 918</b>	<b>12 916 051 937</b>			<b>17 170 442 918</b>	<b>12 916 051 937</b>
Li minnhom taħt l-Instrument ta' Flessibbiltà	368 442 918				368 442 918	

	<i>Limitu massimu</i>	16 802 000 000				16 802 000 000	
	<i>Marġini</i>						
7.	<b>Amministrazzjoni pubblica Ewropea</b>	<b>10 620 124 324</b>	<b>10 620 224 324</b>			<b>10 620 124 324</b>	<b>10 620 224 324</b>
	<i>Li minn hom taħt l-Instrument ta' Flessibiltà</i>						
	<i>Limitu massimu</i>	11 058 000 000				11 058 000 000	
	<i>Marġini</i>	437 875 676				437 875 676	
	<b>li minn hom: Nefqa amministrativa tal-istituzzjonijiet</b>	<b>8 287 945 711</b>	<b>8 288 045 711</b>			<b>8 287 945 711</b>	<b>8 288 045 711</b>
	<i>Sottolimitu</i>	8 528 000 000				8 528 000 000	
	<i>Sottomarġini</i>	240 054 289				240 054 289	
	<b>Appropriazzjonijiet għal intestaturi</b>	<b>166 716 620 678</b>	<b>167 980 477 159</b>	<b>12 247 075 006</b>		<b>178 963 695 684</b>	<b>167 980 477 159</b>
	<i>Limitu massimu</i>	<i>167 516 000 000</i>	<i>169 209 000 000</i>	<i>12 249 000 000</i>		<i>179 765 000 000</i>	<i>169 209 000 000</i>
	<i>Li minn hom taħt l-Instrument ta' Flessibiltà</i>	368 442 918	467 248 692			368 442 918	467 248 692
	<i>Marġini</i>	1 167 822 240	1 695 771 533	1 924 994		1 169 747 234	1 695 771 533
	<b>Strumenti speċjali tematiki</b>	<b>2 799 170 382</b>	<b>2 622 838 000</b>			<b>2 799 170 382</b>	<b>2 622 838 000</b>
	<b>Total tal-appropriazzjonijiet</b>	<b>169 515 791 060</b>	<b>170 603 315 159</b>	<b>12 247 075 006</b>		<b>181 762 866 066</b>	<b>170 603 315 159</b>